MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 242/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Noel Mercieca**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Frar, 2006, ghall-habta tas-7.00 a.m. fi Triq is-Sorijiet, Tarxien, saq vettura nru. EBG-539 :**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr ma kellu licenzja specifikata ghal dik il-vettura;**

**3) u b'hekk saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**4) u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Reuben Boyce skond kif iccertifika Dr. C. Debono M.D ta' S.L.H.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju, 2006, li biha wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65, l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 u l-artikolu 226 u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300).
Ordnat ukoll li l-licenzja tas-sewqan jekk ghandu tkun sospiza ghall-perjodu ta' sena w fil-kaz li m'ghandux licenzja ma jithallix li jinghata dan qabel il-perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa l-appell tieghu billi thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat l-aggravji tal-appellant.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti li minnha jirrizulta li l-akkuzat mhux l-ewwel darba li gie l-Qorti u wehel.**
**Semghet ix-xhieda tal-appellant dwar l-aggravju li huwa ma kienx fehem x'kien qed jigri quddiem l-Ewwel Qorti u li mhux veru ammetta w li ma kienx assistit minn Avukat.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi mix-xhieda tal-appellant jirrizulta li meta hu deher quddiem l-Ewwel Qorti w wara li nqratlu l-akkuza, l-Ewwel Qorti kienet staqsietu : "Tammetti?" u hu kien wiegeb "iva". Hu ma kienx qabbad Avukat ghax ma basarx li l-kaz kien wiehed daqshekk gravi. In vista ta' din id-deposizzjoni ma jirrizultax dak li qed jallega l-appellant li meta hu qal iva kien qed iwiegeb biss li veru habat. Jirrizulta invece li hu ghamel ammissjoni bla rizervi quddiem l-Ewwel Qorti kif del resto jinsab verbalizzat fil-process.**

**Illi f'dan l-istat ta' fatt jisfumaw fix-xejn l-aggravji tal-appellant dwar xi irregolarita' procedurali w, ladarba quddiem l-Ewwel Qorti ma nstemghux provi, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tisma l-provi mill-gdid hi , meta ma nstemghux provi quddiem l-Ewwel Qorti ghax kienet instabet htija fuq l-ammissjoni tal-istess appellant.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi pero' mit-trattazzjoni tal-Avukat difensur hareg car illi l-appellant fil-fatt kellu kopertura tal-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi ghall-vettura msemmija fic-citazzjoni fid-data msemmija fl-akkuza. Di fatti huwa wera l-original tad-dokument li jipprova dan u anki thalla jesebixxi kopji tal-istess dokument.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dana li, in vista tal-kostatazzjoni maghmula fil-paragrafu precedenti, tirrizerva favur l-appellant kull dritt li jista' jkollu skond l-Artikolu 30(2) tal-Kodici Kriminali, jekk ikun il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------